**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 3 TA' MEJJU, 2002

Numru:

Avviz numru: 736/02AE

**Commonwealth Educational Society Ltd ta' Nassau, Bahamas kif rapprezentata lokalment mill-mandatarju taghha Godfref Aquilina**

**Vs**

**Grace Gatt**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur nomine talab il-hlas tas-somma ta' mitejn u sebgha liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm207.84), bilanc ta' prezz ghall-bejgh ta' diversi kotba skond ftehim datat 30 ta' Lulju 1998 (Dok. A).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha lill-Prokuratur Legali Josette Attard tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra d-dokument li gie prezentat.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur nomine tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' mitejn u sebgha liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm207.84), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali datata 7 ta' Novembru 2001 u fin-nuqqas mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha (mhux inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**